**8 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Onorevoli Wenzu De Brincat, M.L.A.

*versus*

Onorevoli Dr. Carmelo Caruana, B.A., LL.D., M.L.A.

**Inġurja bl-Istampa — Eżekuzzjoni ta' Sentenza — Appell — Editur — Penali — Negliġenza — Art. 662 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali jiġu eżegwiti mill-uffiċjali tagħha, avvolja jkun jittratta minn appell li ġie ċedut jew dikjarat null jew deżert; jiġifieri, illi l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tiġi eżegwita minn din il-Qorti. Il-"praxis curiae", għal żmien inveterat, kienet u hija f'dan is-sens; u fil-kriminal ma hemmx dispożizzjoni bħal dik li hemm fil-proċedura ċivili, fis-sens illi, meta l-Qorti tal-Appell tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza ssir mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, jekk f'kawża dwar inġurja bl-istampa l-Ewwel Qorti tordna lill-kwerelat jippublika s-sentenza jew sunt komprensiv tagħha kif trid il-liġi, u s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi konfermata fl-appell, imma l-kwerelat jibqa' ma jikkonformax ruħu ma' dik is-sentenza, l-azzjoni li jipproponi in segwitu l-kwerelant biex il-kwerelat jiġi kundannat iħallas lill-kwerelant penali mħabba dan in-nuqqas għandha ssir quddiem il-Qorti tal-Appell, u mhux quddiem l-Ewwel Qorti.*

*In-negliġenza tal-editur li jonqos minn din il-publikazzjoni mhix affattu element dirimenti tar-responsabbiltà tiegħu, bħal ma kien ikun il-każ kieku kienu jikkonkorru xi ċirkustanzi ta' żball invinċibbli. Jista' jkun każ ta' sempliċi traskuraġni; imma jista' jkun każ aktar gravi, u ta' nuqqas b'kalkolu deliberat, jew każ ta' sfida għal dak li jkun ġie ordnat mill-Qorti. Jekk l-editur ikun ta istruzzjonijiet biex is-sentenza jew sunt tagħha tiġi pubblikata, u dan ma jsirx, huwa jkun wera traskuraġni, għax messu assikura ruħu li l-publikazzjoni ssir, u jiġi punit ta' din it-traskuraġni.*

*Jeħtieġ li s-sentenzi tal-Qrati jiġu osservati "ad unguem", u li d-drittijiet tal-kwerelant in forza tas-sentenza ma jiġux newtralizzati impunement.*

Il-Qorti:— Rat ic-citazzjoni, li biha l-Onorevoli Wenzu De Brincat M.L.A., iċċita lill-Onorevoli Dr. Carmelo Caruana, B.A., LL.D., M.L.A., biex jidher quddiem din il-Qorti; u wara li ppremetta illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju 1957 (dok. "A") din il-Qorti, wara li sabet lill-konvenut ħati talli l-Ħamrun u bnadijiet oħra, bħala editur tal-gazzetta "Malta Tagħna", fin-numru tat-2 ta' Frar 1957, fl-artikolu li ismu "Il-Poplu għandu Raġun", stampat fir-raba' paġina, inġurja lill-attur gravement, ordnat lill-istess konvenut sabiex f'numru ta' wara tal-istess ġurnal, u mhux iżjed tard mit-tieni wieħed wara s-sentenza, jippublika, skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Kapitlu 117 tal-Liġijiet Riveduti, is-sentenza jew sunt komprensiv tagħha; u illi l-konvenut naqas li jobdi l-istess ordni ta' din il-Qorti, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talab għa'hekk li Dottor Caruana jiġi kundannat li jħallas lill-attur penali ta' mhux iżjed minn £50 skond id-dispożizzjonijiet tal-istess art. 23 tal-Kapitlu 117 tal-Liġijiet Riveduti. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li jibqa' mħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fol. 16, li biha qal li ċ-ċitazzjoni hi nulla u bla effett, għaliex il-proċedura adottata mill-attur ma teżistix quddiem din il-Qorti, u għalhekk talab il-liberatorja "ab observantia";

Rat is-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 1958, li biha ġiet respinta dik l-eċċezzjoni preġudizzjali;

Rat il-verbal ta' dik il-ġurnata, li fih hemm reġistrati l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, fis-sens (1) li l-azzjoni kien imissha saret quddiem l-Ewwel Qorti, peress li din il-Qorti ma għamletx ħlief ikkonfermat l-ewwel sentenza, (2) u illi n-nuqqas tal-publikazzjoni sar bi żvista;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-ewwel eċċezzjoni;

Skond l-art. 662 Kap. 12, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali jiġu eżegwiti mill-uffiċjali tagħha. Dan anki meta l-appell jiġi ċedut jew dikjarat null jew deżert. Vwoldieri, fi kwalunkwe każ, il-liġi riedet li l-eżekuzzjoni ssir minn din il-Qorti. Il-"praxis curiae", għal żmien inveterat, kienet u hija f'dan is-sens. Ma hemmx fil-kriminal dispożizzjoni simili għall-art. 263 tal-Proċedura Ċivili. L-eċċezzjoni, hi, għalhekk, infondata;

Fil-meritu;

Ix-xhieda tal-konvenut u ta' Dr. Desira Butigieg ma tammontax ħlief għall-istruzzjoni li ta l-konvenut lil Dr. Desira Butigieg biex is-sentenza tiġi publikata. Lanqas hu affattu ċar jekk il-konvenut siefirx qabel jew wara li kellha ssir il-publikazzjoni. Ix-xhud ammetta li l-publikazzjoni ma saretx bi traskuraġni;

Issa, hu ċar li n-negliġenza ma hix affattu element dirimenti tar-responsabbiltà. Divers kien ikun il-każ kieku kienu jikkonkorru xi ċirkustanzi ta' żball invinċibbli;

Għalhekk il-konvenut inkorra fil-penali;

Għar-rigward tal-"quantum" tal-penali, hu ċar li, peress li l-liġi kkonċediet latitudini bla minimu sal-maximum ta' £50, il-Qorti għandha tqies iċ-ċirkustanzi ta' kull każ;

Issa, għalkemm f'dan il-każ tirriżulta traskuraġni, eppure jista' jkun hemm każijiet gravjuri ta' nuqqas b'kalkolu deliberat, jew ta' sfida għal dak li ġie ordnat mill-Qorti. F'dan il-każ, il-konvenut ta istruzzjonijiet għall-publikazzjoni; biss naqas filli ma ħax ħsieb li jassikura ruħu li l-publikazzjoni ssir. Fl-istess ħin, jeħtieġ li s-sentenzi tal-Qrati jiġu osservati "ad unguem", u li d-drittijiet tal-kwerelant in forza tas-sentenza ma jiġux newtralizzati impunement;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba, u tikkun-

danna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £20 in linea ta' penali, konformement għall-art. 23 tal- Kap. 117;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.